8. It-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament 1049/2001 u tal-Artikolu 296 TFUE

— Ir-rikorrenti sostni li jeżisti interess pubbliku superjuri li tkun magħrufa r-reazzjoni tal-Kummissjoni għal miżura nnotifikata li tikser il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, huwa sostnut, naqset milli tispjega għaliex tqis li dan l-interess huwa inqas importanti mill-interess fin-nuqqas ta' żvelar.

(1) Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU 2015 L 241, p. 1)

(2) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU 2001 L 145, p. 3)

(3) Sentenza tas-7 ta' Settembru 2017, Franza vs Schlyter, (C-331/1 P, EU:C:2017:639).

---

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2017 – CMS Hasche Sigle vs EUIPO (WORLD LAW GROUP)

## (Kawża T-756/17)

(2018/C 022/69)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* CMS Hasche Sigle Partnerschaft von Rechtsanwälten und Steuerberatern mbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: P.-C. Thielen, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "WORLD LAW GROUP" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 667 844

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO – 29 ta' Awwissu 2017 fil-Każ R 329/2017-5

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata dwar l-applikazzjoni għat-trade mark Nru 14 667 844 sa fejn l-applikazzjoni għat-trade mark hija miċħuda;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2017 – Perfect Bar vs EUIPO(PERFECT BAR)

## (Kawża T-758/17)

(2018/C 022/70)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Perfect Bar LLC (San Diego, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: F. Miazzetto, J. Gracia Albero, lawyers)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali "PERFECT BAR" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 374 085

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 2439/2016-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2017 – Perfect Bar vs EUIPO (PERFECT Bar)**

**(Kawża T-759/17)**

(2018/C 022/71)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Perfect Bar LLC (San Diego, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: F. Miazzetto, J. Gracia Albero, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "PERFECT Bar" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 376 064

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 2440/2016-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titolob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tawtorizza r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, jiġifieri, l-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 015376064 "PERFECT BAR"

— tordna lill-EUIPO jħallas l-ispejjeż marbuta mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u l-EUIPO.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.

---